- ***ESPROPRIJAZZJONI u L-INTERESS PUBBLIKU –***
- ***ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GHAL SKOPIJIET PUBBLICI; KAP 88 –***
- ***ARTIKOLU 37 TAL-KOSTITUZZJONI.-***
- ***ARTIKOLU 47 (9) TAL-KOSTITUZZJONI -***
- ***ARTIKOLU 7 TAL-KAP 319 –***
- ***ARTIKOLU 1 TAL-EWWEL PROTOCOL TAL-KAP 319 –***
- ***ARTIKOLU 14 TAL-ISTESS PROTOCOL TAL-KAP 319 –***

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 22 ta' Marzu 2002

**Kawza Numru: 2.**
**Rikors Numru: 691/99/RCP**

**Francis Bezzina Wettinger u Marianna mart Carmelo Sacco**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti datat 18 ta' Marzu 1999 a fol 1 sa 3, fejn l-istess rikorrenti ppremettew:

Illi l-esponenti huma c-censwalisti tat-territorju denominat "Ix-Xaghra tar-Raghaj" kuntrada "Ta' Ras Bajjada" jew "Ta' Hagar Qim" limiti tal-Qrendi;

Illi skond Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju 1976 gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65 T.) mit-territorju *de quo* konsistenti f'tliet mija u sittin tomna *circa* kienu qed jigu esproprijati *ai termini* tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici** (**Kap. 136**) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghall-skopijiet pubblici u cjoe' ghall-progett ta' "Izra' u Rabbi" mahsub dakinhar;

Illi effettivament l-art hekk dikjarata mehtiega ghall-skopijiet pubblici mhux biss ma ntuzatx ghal dan il-progett izda addirittura l-intimat qabad u kkonceda b'kera lil diversi persuni bicciet minnha wara sejha ghall-offerti skond Avviz datat 4 ta' Ottubru 1985;

Illi l-art *de quo* qatt ma giet formalment esproprijata u *di piu'* fl-1989 l-intimat informa lill-Ufficcju Djocesan tal-Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili , *qua* direttarju tal-

art, illi huwa kien ser jirrilaxxja l-istess art u nsista li l-esponenti, jew l-awturi taghhom, *qua* censwalisti, jiffirmaw dikjarazzjoni illi huma jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni;

Illi din id-dikjarazzjoni giet iffirmata mill-esponenti Francis Bezzina Wettinger biss izda mhux ukoll minn Pietru Spiteri missier l-esponenti l-ohra Marianna Sacco, unika eredi tieghu;

Illi l-art qatt ma giet rilaxxjata lura lill-esponenti u *di piu'* t-tehid taghha jilledi d-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tal-esponenti billi effettivament ma sarx minnha l-iskop espress fid-Dikjarazzjoni surreferita u minnha bbenefikaw u ghadhom hekk qeghdin jibbenefikaw terzi persuni privati;

Illi ghalhekk jonqos l-interess pubbliku, element essenzjali biex jillegittima t-tehid ta' proprjeta' privata skond l-Art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol, kif ukoll l-Art.14 tal-Konvenzjoni Ewropea, jew, subordinatament, jekk jezisti dan l-interess, tonqos il-proporzjonalita' indispensabbli bejn ir-restrizzjoni tad-dritt fundamentali ta' l-iskop li jrid jigi milhuq;

Illi ghaldaqstant l-esponenti talbu sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi t-tehid tal-pussess tal-art *de quo* da parti tal-intimat jivvjola d-drittijiet fundamentali tal-esponenti sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni;

2. Konsegwentement taghti dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jitwettqu u jitharsu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, kompriz id-danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-20 ta' Settembru 1996, kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-Kummissarju tal-Artijiet tat-23 ta' Marzu 1999 fejn gie eccepit:-

Illi huwa jopponi t-talbiet tar-rikorrenti ghas-segwenti motivi:

1. Preliminarjament ir-rikorrenti jridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni;

2. Illi in kwantu hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess ta' l-Art in kwistjoni li sar fit-23 ta' Lulju 1976 a bazi ta' l-**Att XIV tal-1987** l-azzjoni hija inammissibbli *ratione temporis*.

3. Illi l-art in kwistjoni giet akkwistata ghal skopijiet pubblici u l-bdil sussegwenti ta' l-uzu li jista' jsir minnha u anke t-trasferiment sussegwenti taghha lil terzi ma jnehhux il-validita' ta' akkwist originarjament maghmul ghal skopijiet pubblici. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza

ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **“Spira Grech vs Kummissarju tal-Artijiet et”** li kienet ukoll giet konfermata mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **“Spira Grech vs Malta”** u ghad-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **“Scotts of Greenock vs United Kingdom”**.

4. Illi l-art *de quo* hija fil-fatt ukoll mehtiega ghal skopjiet pubblici u l-uzu li sar minnha dejjem kien wiehed legittimu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Marzu 1999 fejn ir-rikorrenti Bezzina Wettinger, ghal kull bwon fini, ta ruhu b’notifikat ta’ bl-avviz tas-smiegh. Dr. Aquilina Zahra ghall-intimat iddikjarat illi xtaqet taghmel risposta addizzjonali.

Rat ir-risposta ulterjuri tal-Kummissarju tal-Artijiet datata 20 ta’ April 1999 fejn gie eccepit:

1. Illi in kwantu hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess tal-Art in kwisjoni a bazi ta’ l-**Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni** l-azzjoni hija inammissibli in kwantu l-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-skopijiet Pubblici (Kap. 88)** hija eskluza mill-operat ta’ l-**Artiklu 37 tal-Kostituzzjoni** billi hija ligi li giet fis-sehh qabel it-3 ta’ Marzu 1962 u dan *ai temini* ta’ l-**Artiklu 47(9) tal-Kostituzzjoni**.

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha esebew l-affidavit kontenenti x-xhieda ta’ Marianna Sacco;

Rat in-nota tar-rikorrenti li permezz taghha esebew l-affidavit kontenenti x-xhieda ta' Francis Bezzina Wettinger;

Rat il-verbali tas-seduta tat-23 ta' Gunju 1999 fejn Dr. Philip Sciberras talab in-nomina ta' Assistent Gudizzjarju biex jisma' l-provi li fadal fil-procedura. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Emmanuel Buttigieg biex jisma' l-provi tal-partijiet f'dan ir-rikors; tal-31 ta' Jannar 2000 u tat-3 ta' April 2000.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu 2000 quddiem l-Assistent Gudizzjarju; u tat-23 ta' Mejju 2000 quddiem l-istess fejn xehed Carmel Camilleri;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2000;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn rega' xehed Carmel Camilleri u Dr. Cynthia Scerri Debono pprezentat nota b'erbatax-il dokument markati "CC1" sa "CC14"; tas-6 ta' Ottubru 2000 fit-3:00 p.m.; tal-10 ta' Novembru 2000 fejn rega' xehed Carmel Camilleri; tal-10 ta' Jannar 2001 fejn Dr. Philip Sciberras iddikjara li m'ghandux provi aktar. Xehdet Carmen Michelle Buhagiar;

Rat il-verbal tas-seduta ta' din il-Qorti fil-21 ta' Novembru 2000;

Rat il-verbal tas-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Emmanuel Buttigieg fejn kompliet tixhed in kontro-ezami

Carmen Michelle Buhagiar. Dr. Cynthia Scerri Debono nfurmat lill-Assistent Gudizzjarju illi f'dan l-istadju kkonkludiet il-provi tal-intimat, pero' in vista tax-xhieda moghtija mis-Sur Camilleri u Carmen Michelle Buhagiar sejra taghmel il-proceduri opportuni sabiex titlob is-sejha fil-kawza lid-Dipartiment tal-Agrikoltura u tal-Muzewijiet.

Rat il-verbali tas-seduti tal-Qorti tas-6 ta' Frar 2001; u tal-4 ta' April 2001;

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Emmanuel Buttigieg tal-1 ta' Ottubru 2001;

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tal-Artijiet li permezz tieghu ntalbet il-kjamat in kawza tad-Dipartiment tal-Agrikoltura;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2001 fejn Dr. Philip Sciberras ghar-rikorrenti ta ruhu notifikat bir-rikors tal-intimat tat-8 ta' Ottubru 2001 u oppona ghat-talba tal-kjamat in kawza. Il-Qorti tat lir-rikorrent tliet ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tar-rikorrenti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2001 fejn il-Qorti cahdet it-talba; tal-5 ta' Dicembru 2001; u tal-15 ta' Jannar 2002 fejn l-intimat u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti pprefiggiet terminu ta' 30 jum

ghall-prezentata ta' nota responsiva mill-intimati. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-22 ta' Marzu 2002.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. IL-VERTENZA ODJERNA.

Il-fatti principali f'din il-kawza huma s-segwenti. Ir-rikorrenti huma censwalisti tal-art in kwistjoni. Illi fit-23 ta' Lulju 1976 gie dikjarat permezz ta' Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li dan it-territorju kien qed jigi esproprjat *ai termini* tal-**Kapitolu 136** fuq il-presuppost li l-art kienet mehtiega ghal skopijiet pubblici u cjoe' ghall-progett "Izra' u Rabbi". Illi pero' r-rikorrent qed jallega li minflok l-intimat qabad u kkonceda b'kera lil diversi terzi persuni bicciet minnha wara sejha ghall-offerti skond Avviz datat 4 ta' Ottubru 1985.

Illi l-art in kwistjoni qatt ma giet formalment esproprijata. Inoltre' fl-1989, l-intimat informa lill-Ufficcju Djocesan tal-Amministrazzjoni tal-Kurja Arciveskovili (*qua* direttorju tal-art) illi huwa ser jirrilaxxja l-istess art u nsista li r-rikorrenti jew l-awturi taghhom (*qua* censwalisti) jiffirmaw dikjarazzjoni illi huma jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni. Francis Bezzina Wettinger iffirma imma Pietru

Spiteri (missier Marianna Sacco li hi l-unika eredi) ma ffirmax. Din l-art qatt ma giet rilaxxjata lura lir-rikorrenti.

Illi b'hekk, ir-rikorrenti jsostnu li dan it-tehid jilledi d-drittijet Kostituzzjonali u Konvenzjonali billi ma sarx minnha l-iskop espress fid-dikjarazzjoni u minnha gawdew u ghadhom hekk jibbenefikaw terzi persuni privati. B'hekk jonqos l-interess pubbliku li skond ir-rikorrenti huwa element essenzjali biex jillegittima t-tehid ta' proprjeta' privata skond l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u **artikolu 1 tal-Ewwel Protocol kif ukoll l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Jew subordinatament, jekk jezisti dan l-interess, restrizzjoni tad-dritt fondamentali ta' l-iskop li jrid jigi milhuq.

Illi r-rikorrenti ghalhekk qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara u tiddeciedi li t-tehid tal-pussess jivvjola d-drittijiet fundamentali sanciti fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni. Inoltre' talbu dawk ir-rimedji kollha necessarji, taghmel dawk l-ordnijiet u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa u dan kompriz id-danni.

Illi min-naha tieghu l-Kummissarju tal-Artijiet ipprezenta l-ewwel risposta u sussegwentement risposta ulterjuri fejn issollevaw diversi eccezzjonijiet, li se jigu trattati wahda wahda minn din il-Qorti.

## II. L-EWWEL ECCEZZJONI

Illi l-intimat eccepixxa:

*"Preliminarjament ir-rikorrenti jridu jgibu l-prova tat-titolu taghhom ghall-art in kwistjoni".*

Illi fix-xhieda taghha **Marianna Sacco** xehdet li hija l-uniku wild ta' Pietro Spiteri. Hija spjegat li missierha kien wiret tnejn minn seba' parti tat-territorju minghand zijuh Michele Spiteri. Hut missierha mbaghad bieghu s-sehem taghhom, li huma wirtu wkoll minghand l-istess Michele Spiteri, lir-rikorrent l-iehor Francis Bezzina Wettinger skond kuntratt datat 23 ta' Ottubru 1966 atti Nutar Nicola Said.

Illi fix-xhieda tieghu r-rikorrent l-iehor **Francis Bezzina Wettinger** xehed li permezz ta' kuntratt ghand in-Nutar Nikola Said tat-23 ta' Ottubru 1966 kien xtara hamsa minn sebgha ($^{5}/_{7}$) parti ndiviz mill-artijiet ta' biswit Hagar Qim ta' 65 Tomna, 1 Siegh u 6.08 Kejliet li jmissu mit-Tramuntana ma' triq pubblika, mill-Majjistral ma' proprjeta' tas-Sinjura Giuseppina Magri u ohrajn u minn Nofsinhar ma' proprjeta' ta' l-Estates tal-Arcisqof. Iz-zewg parti minn sebgha ($^{2}/_{7}$) l-ohra kienu proprjeta' ta' Ganni u Pietru Spiteri llum mejtin u werrieta hija r-rikorrenti l-ohra permezz tat-Testment fl-atti tan-Nutar Francesco Farrugia tal-15 ta' Dicembru 1925 kif ukoll permezz ta' Testment fl-atti tan-Nutar Nikola Said tat-8 ta' Novembru 1952. Dawn l-artijiet jaghmlu parti minn art akbar u huma soggetti ghal cens temporanju li jiskadi fis-sena 2041.

Illi kwindi ladarba tali xhieda, bl-ebda mod ma giet kontradetta, ir-rikorrenti rnexxielhom jaghtu prova tat-titolu taghhom fuq l-art in kwistjoni. Konsegwentement, tali eccezzjoni qed tigi michuda.

## III. IT-TIENI ECCEZZJONI

Illi f'dan l-istadju l-Qorti thoss li huwa aktar opportun li tikkonsidra l-eccezzjoni tal-intimat li giet sollevata fir-risposta ulterjuri tieghu. Huwa eccepixxa:

*"Illi in kwantu hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess tal-Art in kwistjoni a bazi ta' l-**artikolu 37 tal-Kostituz**zjoni l-azzjoni hija inammissibbli in **kwantu l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-skopijiet Pubblici (Kap. 88**) hija eskluza mill-operat ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni billi hija ligi li giet fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962 u dan ai termini ta' l-**artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni**".*

Illi l-**artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni** jipprovdi bil-mod kif gej:

*"(9) Ebda haga fl-artikolu 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma ghandha tolqot il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel it-3 ta' Marzu 1962 jew xi ligi maghmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi ligi fis-sehh minnufih qabel dik id-data (jew xi ligi li minn zmien ghal zmien tkun*

*emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma:*

*(a) izzidx max-xorta ta' proprjeta' li jista' jittiehed pussess taghha jew id-drittijiet fuq u nteress fi proprjeta' li jistghu jigu miksuba;*

*(b) izzidx mal-finijiet li ghalihom jew cirkostanzi li fihom dik il-proprjeta' jista' jittiehed pussess taghha jew tigi miksuba;*

*(c) taghmilx il-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ghal kumpens jew l-ammont tieghu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjeta'; jew*

*(d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bhal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (c) ta' l-artikolu 37(1) ta' din il-Kostituzzjoni".*

Illi kif inghad f'**Pawlu Cachia vs Avukat Generali et** (9/4/99 Rik. Nru. 586/97/VDG), il-hdim ta' xi ligi fis-sehh minnufih qabel id-data msemmija ma tistax tkun anti-kostituzzjonali fis-sens li tippekka kontra l-artikolu 37. L-istess jinghad ghal xi *amending act* jew *substituting act* maghmula f'dik id-data jew wara dik id-data *purche'* li tali att li hekk jemenda jew jissostitwixxi dik il-ligi ma jkunx jaghmel xi wahda mill-affarijiet imsemmi fil-paragrafi (a) sa (d) tal-imsemmi artikolu 47(9).

Illi kif kompliet tghid dik il-Qorti, ma hemmx dubbju li l-**Kap. 88** kien fis-sehh qabel it-3 ta' Marzu 1962. Ma hemmx dubju wkoll li l-imsemmija ligi giet emendata wara dik id-data, izda r-rikorrent f'ebda hin ma ndika xi emenda li b'xi mod taqa' taht xi wiehed mill-paragrafi **(a) sa (d) tal-artikolu 47(9).** Illi hafna mill-emendi maghmula wara t-3 ta' Marzu 1962 kienu ta' natura formali bhas-sostituzzjoni tal-Gvernatur Generali bil-President ta' Malta. Illi din il-Qorti b'hekk ezaminat jekk fir-rigward tad-dikjarazzjonijiet ta' esproprjazzjoni meritu ta' din il-kawza u fir-rigward tal-proceduri ghall-kumpens gewx imhaddma xi *amending provisions* li jaqghu taht l-imsemmija paragrafi (a) sa (d). Din il-Qorti ma tarax li dan huwa l-kaz, fis-sens li d-dispozizzjonijiet imhaddma fir-rigward tal-ordnijiet ta' esproprjazzjoni *de quo* huma kollha salvati bl-**Artikolu 47 (9)** milli jiksru l-**Artikolu 37**. Illi pero' ghall-finijiet tal-imsemmi **Artikolu 37**, moqri fid-dawl tal-**Artikolu 47 (9),** dak li trid tara l-Qorti hu biss dak li jipprovdi l-**Kap. 88** li, fl-**artikolu 6** tieghu, jghid:

*"Hadd ma jista' jitlob prova ta' l-iskop pubbliku msemmi fl-Artikoli 3 u 4 u fis-subartikolu (1) ta' l-Artikolu 8 minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta".*

Konsegwentement il-Qorti ser tilqa' l-eccezzjoni kontenuta fir-risposta ulterjuri ta' l-intimat fir-rigward ta' l-**Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u mhux ser tikkonsidra aktar dan l-artikolu.

## IV. IT-TIELET ECCEZZJONI

Illi l-intimat Kummissarju tal-Artijiet eccepixxa wkoll illi l-azzjoni in kwantju hija diretta biex timpunja t-tehid tal-pussess tal-art in kwistjoni li sar fit-23 ta' Lulju 1976 *a bazi* ta' l-Att XIV tal-1987 hija inammissibbli *ratione temporis.*

Illi l-intimat hawnhekk qed jibbaza din l-eccezzjoni fuq l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea** li jghid:

*"Ebda ksur tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali mwettaq qabel it-30 ta' April 1987 ma ghandu jaghti lok ghat-tehid ta' azzjoni taht l-Artikolu 4 ta' dan l-Att".*

Illi l-intimat ghalhekk qed isostni li jekk kien hemm ksur taht **Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol** dan sar qabel it-30 ta' April 1987 u b'hekk mhiex proponibbli azzjoni ghal rimedju taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Illi l-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea** jipprovdi s-segwenti:

*"Kull persuna naturali jew persuna morali ghandha dritt ghat-tgawdija pacifika tal-possedimenti taghha. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla hsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi nternazzjonali.*

*Izda d-dispozizzjonijiet ta' qabel ma ghandhom b'ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-ligijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-uzu ta' proprjeta' skond l-interess generali jew biex jizgura l-hlas ta' taxi jew kontribuzzjonijiet ohra jew pieni".*

Kif qalet l-Ewwel Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"**, dan l-artikolu fil-fatt jennuncja tliet principji li, fil-kaz konkret jistghu jigu applikati jew separatament jew inkella *in combination*. Kif fissret il-Qorti Ewropea fil-kaz **"Sporrong and Lonroth vs Sweden" (1982)**:-

*"….. this provision comprises three distinct rules. The first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature which enunciates the principle of peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the same paragraph, covers deprivations of possession and makes it subject to certain conditions; and the third rule, stated in the second paragraph, recognises that contracting states are entitled, amongst other things, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not "distinct" in the sense of being unconnected: the second and third rules are concerned with particular instances of interferences with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule ….." (A 52 para. 61).*

Dwar dan il-passagg minn din is-sentenza, **Harris, O'Boyle u Warwick** fil-ktieb taghhom **"Law of the European Convention on Human Rights"** (Butterworths, London, 1995), jikkummentaw hekk:

*"The three sentences in Article 1 of the First Protocol will henceforth be referred to as Article 1/1/1, Article 1/1/2 and Article 1/2. It follows from the above passage that Article 1/1/1 is not only a statement of principle. It also provides a third, separate basis for regulating interferences with the "peaceful enjoyment of possessions" that do not qualify as a deprivation of a person's possessions subject to Article 1/1/2 or a control of the use of property subject to Article ½. For example, in the Sporrong and Lonnroth case itself, the Court found that the grant of expropriation permits, which did not fall under Article 1/1/2 or 1/2, was subject to control under Article 1/1/1 as an interference with the peaceful enjoyment of the houses concerned. When considering whether Article 1/1/1 has been complied with, the court applies a "fair balance" test. In the Sporrong and Lonnroth case, the Court stated: "For the purposes of [Article 1/1/1] ......the Court must determine whether a fair balance was struck between the demands of die general interest of the community and the requirements of the protection of the individual's fundamental rights. The search for this balance is inherent in the whole of the Convention and is also reflected in the structure of Article 1"." (op. cit., pp. 521,522).*

Illi fil-kaz in ezami rrizulta li ghalkemm l-art tar-rikorrenti ma baqghetx fil-pussess taghhom, pero' il-kuntratt jew kuntratti sabiex ighaddu ghand il-Gvern qatt ma saru. Din I l-kwistjoni diga' giet ezaminata fis-sentenza **"John Mousu et vs id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et"** (Q.K. 6 ta' Ottubru 1999 – Vol.DXXXIII.1.246); u ricentement konfermata mill-istess Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Dicembru 2001 fis-sentenza fl-ismijiet **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"**. Il-Qorti Kostituzzjonali elaborat fuq dan il-punt fuq dak li qalet l-Ewwel Qorti. Gie spjegat, in fatti, li meta l-Ordinanza in kwistjoni kienet originarjament promulgata, il-Legislatur kien mhux biss haseb ghat-tehid immedjat tal-pussess u disponibilita' tal-proprjeta' biex tigi utilizzata ghall-iskop li ghalih tkun giet esproprjata, imma wkoll ghall-process spedit ta' likwidazzjoni ta' kumpens dovut anke` bit-twaqqif ta' Tribunal kwazi gudizzjarju b'kompetenza teknika in materja. Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali:

*"Zgur li l-Ordinanza qatt ma kienet mahsuba biex tigi mehuda art meta l-iskop pubbliku ma jkunx jirrizulta stabbilit, u wisq anqas kien mahsub illi l-Gvern jiehu l-art, jutilizzaha ghal ghexieren ta' snin, u xi darba jhallas il-kumpens".*

Il-kaz in ezami huwa wiehed tipiku ta' kazijiet ohrajn fejn il-proprjeta' giet milquta minn dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni mill-Gvern ghal skop pubbliku, imma fejn il-kumpens ghal dak it-tehid, nonostante li jkunu ghaddew hafna u hafna snin, jibqa' ghal xi raguni jew ohra, mhux

imhallas, u b'hekk il-process ta' esproprjazzjoni ma jkunx gie finalizzat.

Illi dan hu proprju dak li gara fil-vertenza odjerna. Fit-23 ta' Lulju 1976 gie dikjarat permezz ta' Avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern li l-art in kwistjoni kienet qed tigi esproprjata ghal skop pubbliku. Din l-art qatt ma giet rilaxxjat lura lilhom u wisq anqas ma sar kuntratt finali sabiex il-Gvern jakkwista l-proprjeta' taghhom. Kwindi, din il-Qorti taqbel kompletament ma' dak li kkonkludiet il-Qorti Kostituzzjonali f' **"Cachia vs Avukat Generali et"** fejn kienet tal-fehma li l-Ewwel Qorti korrettement evalwat il-portata tad-dikjarazzjonijiet f'dak il-kaz tal-Gvernatur Generali li ppromulgaw il-hsieb tal-Gvern li jesproprja l-proprjeta' in kwistjoni mhux bhala att stantanju.

Illi l-istess fil-kaz odjern, allura, fejn din il-Qorti kif presjeduta wkoll hi tal-fehma li d-dikjarazzjoni tal-President tar-Repubblika li jesproprja l-art in kwistjoni ma kienx att istantanju imma biss l-ewwel att ta' process kontinwat illi ghadu mhux mitmum u li konsegwentement, jekk jirrizulta illi f'xi zmien sakemm jigi finalment rejalizzat kien hemm lezjoni tal-jedd fundamentali tar-rikorrenti dan seta' jwassal ghal dikjarazzjoni ta' vjolazzjoni f'dan il-kaz tal-Konvenzjoni. Kif kompliet l-istess Qorti:

*"Bizzejjed jinghad illi d-dikjarazzjoni Presidenzjali nfisha titkellem f'termini futuri u mhux f'termini attwali fir-rigward tat-tehid tal-proprjeta'. Infatti il-Gvernatur Generali (illum il-*

*President tar-Repubblika) jiddikjara illi l-art kienet mehtiega mill-awtorita' kompetenti ghal skop pubbliku skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-akkwist ta' l-artijiet ghal skopijiet pubblici u 'illi l-akkwist taghha <u>ghandu jkun</u> b'xiri assolut'. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju illi d-dritt tal-proprjeta' fuq l-art jibqa' tas-sid sakemm effettivament jigi pubblikat l-att definittiv li bih din tigi legalment trasferita mill-Gvern. Id-dikjarazzjoni presidenzjali timporta biss allura restrizzjoni, anke jekk assoluta, fuq l-uzu tal-proprjeta' minn sidha, u tinvesti lill-Istat bid-dritt li jaghmel uzu mill-istess proprjeta' ad eskluzjoni ta' sidha jew ta' terzi persuni. Ma hemm allura xejn istantanju fid-dikjarazzjoni presidenzjali. Ghall-kuntrarju hi dikjarazzjoni li bl-ebda mod ma tippriva lill-proprjetarju mid-dritt u mit-titolu li kellu fuq l-art. Tillimitalu biss l-uzu taghha. Limitazzjoni li l-Istat jista', meta u x'hin irid, inehhi. 'Chi bolla sbolla'. 'The Court has endorsed the notion of a continuing violation of the Convention and its effects as to temporal limitation of the competence of the Convention organs. Accordingly the present case concerns alleged violations of a continuing nature of the applicant, for the purposes of Art. 1 of Protocol No. 1 and Art. 8 of the Convention can still be regarded as the legal owner of the land'.(**Loizidou vs Turkey**, 1996 23 E.IH. R.513).*

IIli mbaghad il-Qorti Kostituzzjonali ghamlet referenza ghal sentenzi tal-Qorti Ewropea u din il-Qorti wkoll taghmel riferenza ghalihom u taddotta l-insenjamenti taghhom. B'hekk la darba l-limitazzjoni ta' l-uzu tal-proprjeta' da parti

tas-sid kienet effett ta' att istantanju, allura l-interferenza da parti tal-Istat kienet ta' natura kontinwata u kienet ghadha tippersisti sal-lum.

Illi ghal dawn il-motivi, din l-eccezzjoni tal-intimat qed tigi michuda.

## VI. IR-RABA' U L-HAMES ECCEZZJONI

Illi l-intimat Kummissarju tal-Artijiet issolleva wkoll is-segwenti eccezzjonijiet:

*"Illi l-art in kwistjoni giet akkwistata ghal skopijiet pubblici u l-bdil sussegwenti ta' l-uzu li jista' jsir minnha u anke t-trasferiment sussegwenti taghha lil terzi ma jnehhux il-validita' ta' akkwist originarjament maghmul ghal skopijiet pubblici. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **"Spira Grech vs Kummissarju tal-Artijiet et"** li kienet ukoll giet konfermata mill-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **"Spira Grech vs Malta"** ghad-decizjoni tal-Kummissjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **"Scotts of Greenock vs United Kingdom"**.*

*"Illi l-art de quo hija fil-fatt ukoll mehtiega ghal skopijiet pubblici u l-uzu li sar minnha dejjem kien wiehed legittimu".*

### (i) PROVI PRODOTTI

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti rrizulta li fit-23 ta' Lulju 1976 il-Gvern b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern iddikjara li qed jesproprja l-art taghhom konsistenti f'65 tomna peress li din kienet mehtiega ghal skop pubbliku skond id-dispozizzjonijiet tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (illum Kap. 88)**. Ghal ftit ta' zmien din l-art giet uzata ghall-progett ta' "Izra' u Rabbi", skond Marianna Sacco, ghal *circa* sentejn u mbaghad giet abbondanata u saret mizbla. B'avviz tal-4 ta' Ottubru 1985 l-intimat irreklama l-art ghat tqassim lill-privat ghall-htigijiet agrikoli. Saru applikazzjonijiet minn terzi konformement ma' dan l-avviz, kompriz talba ghaldaqshekk mir-rikorrenti Marianna Saco li dakinhar kienet ghadha xebba. Dan jirrizulta minn "Dok MS 4" a fol. 22 tal-process. L-art giet eventwalment permezz ta' diversi skritturi affittata lil terzi. Pero' lir-rikorrenti Marianna Sacco ma inghatalha xejn. Sussegwentement, permezz ta' ittra datata 8 ta' Awissu 1989 l-intimat baghat javza lill-Kurja *qua* direttorja tal-art illi l-Gvern kien sejjer jirrilaxxja l-art izda ried li Francis Bezzina Wettinger u Pietru Spiteri, *qua* enfitenti, jiffirmawlu dikjarazzjoni li permezz taghha jirrinunzjaw ghall-kumpens, spejjez u danni. Kien biss ir-rikorrent Bezzina Wettinger li ffirma. Il-Gvern qatt ma akkwista l-art b'kuntratt finali u din kompliet tinkera lill-bdiewa. Sal-lum ir-rikorrenti ma rcevew l-eba hlas jew kumpens.

Illi xehed **Carmel Camilleri**, *Principal Technical Officer* ma' l-Estates Management Department li hi s-sezzjoni li taghmel ix-xoghol ta' esproprazzjoni. Huwa qal li

originarjament it-talba giet min-naha tad-Dipartiment tal-Agrikoltura ghall-progett "Izra' u Rabbi". Pero' qal li hu ma jafx il-korp "Izra' u Rabbi" kemm dam u x'uzu ghamel mill-art *stante* li fil-*files* ma jkollhomx. Huwa spjega li d-dipartiment tieghu jidhol biex l-ewwel fuq talba ta' xi entita' tal-Gvern jesproprja l-art. Imbaghad eventwalment jaghmel il-kuntratt mas-sidien ta' l-art. Ix-xhud qal li kien hemm intenzjoni li jsir il-kuntratt, pero' imbaghad kitbulhom il-*Museums Department*. Huwa qal ukoll li qabel kien hemm talba ghal *release*, kienu se jirrilaxxawha u Francis Bezzina Wettinger iffirma l-*indemnity.* Huwa qal ukoll li kitbu kemm-il darba lid-Dipartiment tal-Muzewijiet biex jghidulhom jekk riedux li l-art tigi rilaxxjata jew le pero' dawn baqghu bla risposta. Huwa kompla li ladarba ma jkunx hemm *release endorsed* mill-Ministru ma jistghux jirrilaxxaw l-art. Il-Gvern ta b'lokazzjoni partijiet minn din l-art lil terzi persuni bi qbiela li tigi rinnovata minn sena ghal sena, u sa fejn jaf ix-xhud dawn il-lokazzjonijiet ghadhom fis-sehh.

Illi sussegwentement esebixxa diversi dokumenti li minn Dok "CC1" sa Dok "CC12" huma *lease agreements* li l-Gvern ghamel ma' individwi fuq il-proprjeta' in kwistjoni wara li kienet esproprjata. Dok "CC13" huwa pjanta li turi l-kirjiet, filwaqt li Dok "CC14" hija ittra tal-4 ta' Settembru 1991 mibghuta mill-*Architect and Town Planner* li kien qed jikteb f'isem il-*Head of Environment* lill-Kummissarju tal-Artijiet specifikament biex *plots* 1 sa 4 ma jigux rilaxxjati …… *"particularly plot 1, would be most essential to the Department's plans".* Illi nonostante li jkun se jsir ir-rilaxx

(skond kif jirrizulta minn Dok "CC15", ittra datata 8 ta' Awissu 1989 a fol. 104 tal-process) il-Gvern kompla jikri.

Illi l-intimat ipproduca bhala xhud tieghu lil **Carmen Michelle Buhagiar** li hi *Assistant Curator* fil-Muzew tal-Arkeologija jigifieri fil-Museum Department. Hija giet murija *site plan* (Dok CMB a fol. 122 tal-process) u kkonfermat li d-Dipartiment ghandu progett ghaddej fuq din l-*area* ndikata. Hija spjegat li fl-1995 kien inholoq progett generali ghall-Hagar Qim u l-Imnajdra u din l-*area* hija ndikata ghat-tkabbir tal-progetti ta' *aforestation area* fejn hemm il-hsieb li jithawlu *shrubs* li huma maghrufa li kienu fil-pre-istorja. In kontro-ezami xehdet li fuq din l-*area* partikolari ghadu ma sar xejn. Parti mill-*hertitage plan* gie attwat, parti minnu l-*parking area* u qalet li dan il-progett qed jittiehed bicca bicca. Hija esebiet diversi dokumenti fosthom korrispondenza bejn dipartimenti. Hija ma kenitx taf tirrispondi dwar Dok "CMB1" a fol. 123 tal-process li hija ittra datata 6 ta' Gunju 1996 mibghuta lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet mis-Sur Gouder fejn kiteb hekk:

*"Plot 1 had been expropriated by government and subsequently leased for agricultural purposes (today mostly used for bird-snaring). Now that the plans for the Hagar Qim Heritage Park have been finalized it appears that this land lies outside this project and therefore there should be no reason why the land in question should not be released".*

Illi hija qablet, in kontro-ezami, li meta harget id-dikjarazzjoni tal-President fl-1976 id-Dipartiment tal-Muzew ma kienx jidhol fiha peress li l-art kienet ittiehdet bhala "Izra' u Rabbi". Qablet ukoll li skond l-ittri fil-*files* taghhom parti mill-art hi moghtija lill-gabillotti. Sal-lum ghad m'hemmx decizjoni finali li ser tinghata lid-Dipartiment tal-Muzewijiet. Ghadha biss fl-istadju bhala *exchange* ta' korrispondenza bejn il-Muzew u d-dipartimenti koncernati.

**(ii) ARTIKOLU 1 TA' L-EWWEL PROTOCOL TAL-KONVENZJONI EWROPEA U L-APPLIKAZZJONI TIEGHU GHALL-VERTENZA ODJERNA**

Illi l-**Artikolu 1 ta' l-Ewwel Protocol tal-Konvenzjoni Ewropea** jhares il-jedd ta' l-inidividwu ghat-tgawdija tal-beni tieghu. Il-principju generali ta' dan l-artikolu huwa li hadd ma ghandu jkun imcahhad mill-beni tieghu. Illi pero' wahda mill-eccezzjonijiet ghal dan il-principju huwa li l-Gvern jista' jiehu proprjeta' privata fl-interess pubbliku.

Illi r-rikorrenti mhumiex qeghdin jikkontendu s-setgha tal-Gvern li jiehu proprjeta' privata fl-interess pubbliku, qeghdin jallegaw izda li fil-kaz taghhom it-tehid tal-proprjeta' ma sarx fl-interess pubbliku minhabba li minn tali esproprjazzjoni (li ghadha mhux finali *stante* li kuntratt ghadu ma sarx) ibbenefikaw terzi persuni privati. Ghalhekk meta wiehed jikkonsidra li fl-**Artikolu 1 tal-Ewwel Protocol** hemm provdut illi *"Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-possedimenti tieghu hlief fl-interess pubbliku u bla*

*hsara tal-kundizzjonijiet ipprovduti bil-ligi u bil-principji generali tal-ligi nternazzjonal",* din il-Qorti biex tasal ghall-konkluzjoni jekk giex vjolat dan id-dritt protett trid tara jekk tassew it-tehid sarx fl-interess pubbliku.

Illi fis-sentenza **Dr. Carmelo Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et (30/12/93, Vol. LXXVII – 11 – 390)** il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:

*"Il-pubbliku interessat li f'ismu jittiehdu dawn id-decizjonijiet u jsiru dawn l-atti mill-awtorita' pubblika – emanazzjoni tar-'res publica', l-universalita' tar-'res' li fiha jingabar il-gid komuni tac-cittadini kollha, u ghal liema gid komuni huma diretti l-ligijiet – qatt ma jista' jkun riferit ghal kwalsiasi nteress privat. L-interess huwa dejjem privat meta m'ghandux applikazzjoni ghall-generalita' tac-cittadini, ta' l-universalita' tal-pubbliku fl-Istat. Ir-ragunament fis-sentenza* ***Galea vs Holland*** *huwa fallaci ghaliex l-uzu ta' fond ghal skopijiet kulturali jista' jkun maghmul fl-interess pubbliku jekk l-attivita' kulturali tkun maghmula minn awtorita' pubblika u mhux meta tkun maghmula minn persuna jew assocjazzjoni privata, billi l-uzu, fl-ewwel lok, huwa fl-interess ta' dik il-persuna jew assocjazzjoni. Il-possibilita' ta' access tal-pubbliku ghal dik l-attivita' ma tittrasformahiex b'daqshekk, minn attivita' li hija intrinsikament privata f'attivita' intrinsikament pubblika. U difatti dik l-accessibilita' tista' tigi ristretta u limitata kif jidhirlu l-interess privat".*

Illi wiehed irid dejjem izomm f'mohhu li dak li tippermetti l-Konvenzjoni mhux li t-tehid ta' proprjeta' privata jsir *"ghal skop pubbliku",* izda li jsir *"fl-interess pubbliku".* Illi l-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **"John Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et" (6 ta' Ottubru 1999 – Vol. LXXXIII. 1. 246)** sostniet li ma hemm l-ebda principju assolut, li jghodd dejjem, li jghid li t-tehid ta' proprjeta' ma jkunx fl-interess pubbliku kull meta l-hsieb tal-Gvern ikun li l-proprjeta' mehuda jaghtiha lil privati ohra.

Illi nfatti fis-sentenza "**Vincent Borg vs Prim Ministru et" (25 ta' Lulju 1996)**, il-Qorti qalet:

*"Naturalment, din il-Qorti ma tistax teskludi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn art tittiehed minghand persuna biex tinghata lil persuna ohra u dan ikun fl-interess pubblika. Dan jista' jsehh f'kuntrast tal-promozzjoni tal-gustizzja socjali, bhalma gie anke rikonoxxut mill-Qorti Ewropea fil-kaz* ***James vs U.K. (1986).*** *Kull kaz irid jigi ezaminat u vvalutat fuq il-fattispecje partikolari tieghu. Fl-ahhar mill-ahhar hi l-Qorti li, fil-kaz konkret, trid tkun sodisfatta li dak li qed isir jew li bi hsiebu jsir hu fl-interess pubbliku".*

Illi l-Qorti Ewropea, fil-kaz **"James vs U.K." (1986)** kienet waslet ghall-konkluzjoni li *"the compulsory transfer of property from one individual to another may, depending upon the circumstances, constitute a legitimate means for promoting the public interest".*

Illi i*noltre'* fis-sentenza **"Mary Rose Zahra et vs Is-Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et"** (Q.K. 31 ta' Mejju 1996) intqal illi skond il-principji li jirregolaw il-kuncett ta' protezzjoni ta' dritt ta' proprjeta', kemm kif interpretat u applikat minn dawn il-Qrati u aktar u aktar mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Strasbourg, mhux bizzejjed li l-esproprjazzjoni ssir fl-interess pubbliku, izda hu necessarju li dan m'ghandux isir a skapitu ta' persuna li b'mod li jigi mpost fuqu/hom piz partikolari u eccessiv (*vide* Sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali **"Dominic Mintoff vs Prim Ministru** tad-29 ta' April 1996).

Illi applikati tali principji fil-kaz in kwistjoni, jinghad illi l-art in kwistjoni wara li giet pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fil-Gazzetta tal-Gvern fit-23 ta' Lulju 1976 kienet intuzat ghal madwar sentejn ghall-progett "Izra' u Rabbi". Dan irrizulta kemm mix-xhieda tar-rikorrenti Marianna Sacco, kif ukoll mix-xhieda ta' Carmen Michelle Buhagiar. Illi pero' wara dawn is-sentejn, l-art intelqet u kien permezz ta' Avviz datat 4 ta' Ottubru 1985 fejn l-art kien koncessa b'kera lil terzi. Dan il-fatt lanqas mhu kontestat. Irrizulta wkoll li r-rikorrenti talbu r-rilaxx tal-istess proprjeta'. Ix-xhud Carmel Camilleri xehed li kien hemm intenzjoni li jirrilaxxjawha tant li Francis Bezzina Wettinger ffirma l-indemnity (vide Dok "CC15" a fol. 104 tal-process). Illi pero' mbaghad permezz ta' ittra datata 4 ta' Settembru 1991 mibghuta mill-*Architect and Town Planner* f'isem il-*Head of Environment*, lill-Kummissarju tal-Artijiet kiteb specifikament biex plots 1 sa 4 ma jigux rilaxxjati *"….*

*particularly plot 1, would be most essential to the Department's plans".* (Dok "CC14" a fol. 92 tal-process). *Nonostante* dan kollu, rrizulta wkoll mix-xhieda ta' l-istess Carmel Camilleri li l-lokazzjonijiet moghtija mill-Gvern lil terzi persuni bi qbiela u li jigu rinnovati minn sena ghal sena ghadhom fis-sehh. Il-proprjeta' qatt ma giet rilaxxjata u, *di piu'* wara dawn is-snin kollha (26 sena) lanqas kuntratt finali ma sar.

Illi l-intimat min-naha tieghu, l-aktar permezz tax-xhud Carmen Michelle Buhagiar ressaq it-tezi li d-Dipartiment tal-Muzewijiet ghandu progett ghaddej fuq l-*area* ndikata fis-*site plan* esebit bhala Dok. "CMB" a fol. 122 tal-process. Hija spjegat li fl-1995 kien inholoq progett generali ghall-Hagar Qim u l-Imnajdra u din l-*area* hija ndikata ghat-tkabbir tal-progetti ta' *aforestation area* fejn kien hemm il-hsieb li jithawlu *shrubs* li huma maghrufa li kienu fil-pre-istorja. Parti minn dan il-pjan jidher li gie attwat pero' in kontro-ezami xehdet illi fuq din l-*area* partikolari ghadu ma sar xejn. Hija esebiet diversi dokumenti fejn jirrizulta li kien hemm korrispondenza bejn id-dipartimenti koncernati pero' sal-lum m'hemm l-ebda decizjoni finali li ser tinghata lid-Dipartiment tal-Muzewijiet.

Illi f'dan l-istadju ssir referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjoni **"Pawlu Cachia vs Avukat Generali et"** (28 ta' Dicembru 2001) li mhux mehtieg illi jkun identifikat progett specifiku li ghalih l-art tkun ser tigi jew tkun giet esproprjata li jikkonkretizza l-uzu fl-interess

pubbliku jew fl-interess generali. Kif tenniet il-Qorti, mhux eskluz li proprjeta' tigi esproprjata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita' partikolari fil-kontest ta' l-izvilupp partikolari taz-zona jew biex taghti lok per ezempju ghall-espansjoni futura ta' l-istess progett. Imma,

*"Pero' din l-utilita' pubblika trid tirrizulta pozittivament lill-Qorti. Ma tistax tithalla fuq il-mera ipotesi ta' bzonn potenzjali, kif lanqas hu lecitu illi l-Istat jiqba' jippriva individwu mit-tgawdija tal-possedimenti tieghu, meta l-uzu fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, li kien originarjament jissussisti ma jibqax ghal xi raguni jew ohra mehtieg".*

Il-Qorti Kostituzzjonali ssottolinejat illi l-Istat ghandu jaghmel il-prova mhux biss illi kien hemm konkretament il-htiega ta' l-uzu tal-proprjeta' fl-interess pubbliku jew fl-interess generali, imma wkoll li dak il-bzonn jiqba' jissussisti sal-mument meta l-art tkun ghaddiet definittivament f'idejn l-Istat bit-temm tal-proceduri ta' esproprijazzjoni. Din il-Qorti kif presjeduta taqbel perfettament ma' dan il-principji stabiliti.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma giex ippruvat li l-art kien hemm aktar bzonnha fl-interess pubbliku wara li giet uzatha ghall-progett "Izra' u Rabbi". Din inghatat lil terzi u, hawnhekk, jigi rilevat li meta Marianna Sacco, dak iz-zmien xebba ghamlet l-offerta taghha biex tinghata parti mill-art

taghha stess, bi qbiela, sahansitra giet rifjutata. L-aggravju izda tas-sitwazzjoni kollha jidher aktar car f'Dok "CMB1" (a fol. 123 tal-process) li hija ittra datata 6 ta' Gunju 1996 mibghuta lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Muzewijiet (liema dipartiment gie dikjarat illi ghandu progett fuq din l-art) mis-Sur Gouder fejn kiteb:

*"Plot 1 had been expropriated by government and subsequently leased for agricultural purposes (today mostly used for bird-snaring). Now that the plans for the Hagar Qim Heritage Park have been finalized it appears that this land lies outside this project and therefore there should be no reason why the land in question should not be released".*

Illi *nonostante* dan, l-art qatt ma giet rilaxxjata. Wara din id-data, sal-lum jidher li kollox ghadu fl-arja hlief ghall-fatt li l-art qed jibbenefikaw minnha terzi persuni u l-interess pubbliku ma giex ippruvat. L-interess pubbliku jrid jissussisti sa dakinhar li jigi pubblikat il-kuntratt. Hekk l-interess pubbliku ghal xi raguni jisfuma, jew ma jkunx ghadu jezisti (bhal fil-kaz odjern) u l-istat jibqa' jzomm il-proprjeta' f'idejh bla raguni valida, hu kien minn dak il-mument jivvjola l-jedd fundamentali ta' l-individwu ghat-tgawdija ta' dawk il-possedimenti tieghu. Il-poter ta' l-esproprju ghalhekk kellu jigi wzat biss meta kien ikun jirrizulta mehtieg bl-anqas diskapitu ghall-jeddijiet proprjetarji ta' l-individwu u b'mod illi t-tehid jew l-

interferenza ghad-tgawdija pacifika ta' tali proprjeta' tkun akkompjanata mill-hlas tempestiv ta' kumpens xieraq.

Illi din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ppruvaw li sal-lum ma hemm ebda progett li jiggustifika l-interferenza kontinwa mad-dritt ghat-tgawdija pacifika tal-art taghhom. B'hekk din il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax jinghad li hemm bilanc gust bejn il-htigiet tal-interess generali tal-komunita' u l-interferenza kontinwa mat-tgawdija pacifika da parti tar-rikorrenti tal-art taghhom. *Kwindi* din il-Qorti tikkonkludi li hemm vjolazzjoni tal-**artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea** u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat f'dan ir-rigward.

## VII. L-ARTIKOLU 14 TAL-KONVENZJONI EWROPEA

Illi r-rikorrenti lmentaw ukoll li dan l-agir min-naha tal-intimat jikkostitwixxi ksur tal-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea**. Illi fis-sentenza **"Victoria Cassar vs Awtorita' Marittima ta' Malta et"** (P.A. (Kost) RCP tad-19 ta' Ottubru 2000 – Rik. Nru. 706/99/RCP), u dan l-artikolu gie ezaminat u nghad is-segwenti:

*"Illi l-**Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi illi:*

*"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhala huma s-"sess, …".*

*Illi kif gie ritenut mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz “****Abdulaziz, Cabales and Balkandali” (28 ta’ Mejju 1985):***

*“Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols.  It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the “enjoyment of the rights and freedoms” safeguarded by those provisions.  Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter”.*

*Illi fis-sentenza “****Angelo Xuereb vs Kummissarju tal-Pulizija”*** *(Qorti Kost.  17 ta’ Frar 1999), il-Qorti qalet li l-awturi* ***van Dijk u van Hoof****, b’referenza ghal dan il-passagg mis-sentenza Abdalaziz, spejgaw li:*

*“This formula makes it clear that Article 14 is not independent in the sense that there has to be at least some kind of relation with the rights and freedoms of the Convention;  differential treatment in a field which falls outside the scope of the Convention cannot amount to a violation of Article 14”*  ***(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights, Kluwer, 1990, p 536)”.***

Illi r-rikorrenti fil-kaz odjern ma abbinawh ma' l-ebda artikolu iehor tal-istess Konvenzjoni, u b'hekk mhux se jittiehed in konsiderazzjoni.

## VIII. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tilqa' l-eccezzjoni ulterjuri tal-intimat in kwantu tirrigwarda l-**artikolu 37 tal-Kostituzzjoni** u dan *ai termini* **tal-artikolu 47 (9) tal-istess,** u fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-istess intimat, **tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti** b'dan illi :-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju 1976 fejn gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65T.) mit-territorju *de quo* konsistenti f'tliet mija u sittin tomna cirka kienu qed jigu espproprijati *ai termini* tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artiijiet ghall-skopijiet Pubblici (gja Kap.136 illum Kap 88)** fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghall-skopijiet pubblici u cioe' ghall progett ta' "Izra u Rabbi" mahsub dak in-nhar u l-konsegwenti t-tehid tal-pussess tal-art *de quo* da parti tal-intimat jivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti *sanciti* fl-**Artiklu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea ghall Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;**

2. Konsegwentement tiddikjara li l-istess Avviz Numru 401 pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-harga tat-23 ta' Lulju 1976 fejn gie dikjarat illi hamsa u sittin tomna (65T.) mit-

territorju *de quo* konsistenti f'tliet mija u sittin tomna cirka kienu qed jigu espropprijati ai termini tal-**Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghall-skopijiet Pubblici (gja Kap.136 illum Kap 88**) fuq il-presuppost illi l-art kienet hekk mehtiega ghall-skopijiet pubblici u cioe' ghall progett ta' "Izra u Rabbi" huma nulli u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi u wkoll tannulla ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi kull att maghmul mill-istess intimat *ai termini* tal-istess Avviz Numru 401 b'dan li l-istess rikorrenti ghandhom jigu re-integrati fil-pussess tal-estensjoni kollha tal-istess art originarjament kolpita bl-istess Avviz indikat mahrug abbazi tal-**Kap 136 (illum Kap 88),** u b'dan ghalhekk li l-intimat ghandu jirrintegra lir-rikorrenti fil-pussess tal-istess art u konsegwentement tordna lill-istess intimat sabiex f'terminu qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza jezegwixxi l-proceduri necessarji kollha sabiex effettivament isehh ir-rilaxx tal-artijiet in kwistjoni mill-intimat lill-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez, kompriz dawk tal-protest gudizzjarju tal-20 ta' Settembru 1996, kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2002**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Marzu 2002**